## Laqgha Numru 02/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti tat-Tieni Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 9 ta' Frar 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Carmela Attard, il-Kunsilliera Paul Baldacchino u Ray Pace flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Pierre Cordina kien skuzat.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-2 ta' Frar 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 01 / K3 / 2000.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarji ghas-Sena 2000/2001.**
5. **Programm ta' xoghol Qasam tad-Djar San Patrizju.**
6. **Programm ta' xoghol tal-Handyman ghas-Sena 2000/2001.**
7. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
8. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K3/2000.

1.1. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona biex wara item 3.17 jidhol il-kliem ***"u jekk l-HSBC mhux lesti li jwahhlu l-logo taghhom, il-Kunisll ghandu jsib sponsor jekk it-tabella hija propjeta' tal-Kunsill"***, f'item 3.18 jitnehhew il-kliem ***"minflok li jigu sponsorjati dawk ta' diversi ghaqdiet"*** u biex kull fejn hemm il-kelma Chairwomen tinbidel u ssir Chairperson.

1.2. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 01/K3/200 kif emendati.

1.3. Il-Vici Sindku Carmela Attard ssekondat.

1.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Mistoqsijiet

2.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghal item 3 ta' l-agenda.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet u l-korrispondenza kollha li dahlet bejn il-25 ta' Jannar u d-9 ta' Frar 2000 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghal-

| Rif. | Suggett |
|---|---|
| 157 | Ittra minghand l-SAS Radisson Bay Point rigward it-talba tal-Kunsill ghall-pjanti. |
| 159 | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward Road Resurfacing. |
| 160 | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward il-Bini ta' duri llegali fil-lokal. |
| 164 | Lista t'Applikazzjonijiet godda minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. |
| 169 | Ittra minghand il-PBS rigward recording ta' programm tar-radju dwar il-Kunsilli Lokali. |
| 175 | Ittra minghand l-MSD rigward kont ta' xogholijiet li kienu saru fuq Gnien Camillo Sciberras. |
| 184 | Ittra minghand is-Segretarju Parlamentari dwar il-possibiita ta' Politika Kummercjali. |
| 186 | Ittra minghand it-Tour ta' Malta rigward it-tour ta' din is-sena. |
| 188 | Ittra minghand St Michael School jilmentaw dwar l-iskips tar-riciklagg. |
| 191 | Ittra minghand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswijja ta' Djar rigward Site D. |
| 196 | Ittra mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar ghoti ta' sigra mid-Dipartiment ta' l-Agrikultura. |
| 210 | Ittra minghand id-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Propjeta' dwar il-bicca art li l-SAS Raddisson Bay Point qed tiproponi li taghmel zvilupp fuqha. |
| 212 | Ittra minghand l-Onorevoli George Pullicino dwar il-laqgha li ser issir mal-Kunsill nhar it-Tlieta 22 ta' Frar fis-2.00 pm. |
| 214 | Ittra minghand il-Kunsillier Albert Rizzo rigward dizgwid li qed jallega li hemm fil-Kunsill Lokali Gzira. |
| 215 | Ittra minghand l-PRA rigward oggezzjonijiet ghal-bini ta' Golf Course f'Pembroke. |
| 221 | Ittra minghand is-sinjura Irene Marmara rigward sewqan eccessiv fi Triq Mons. Mifsud Tommasi. |
| 222 | Rapport minghand il-Kumitat Kongunt ghat-Thaddim tal-Gwardjani Lokali dwar id-decizjoni tat-tender lill-Kumpanija G. W. H.S. |
| 223 | Protest Legali mill-Kumpanija Asco rigward it-tender tal-Gwardjani Lokali. |
| 226 | Kontro protest mill-Kumitat Kongunt lill-ASSCO limited. |
| 228 | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward in-North Harbour Local Plan. |

233 Fax ta' kwotazzjoni minghand il-Malta Desalination Services rigward il-Locality Maps.

234 Mandat ta' Inibizzjoni mill-kumpanija Advanced Security Services Group Limited.

242 Ittra minghand il-Euro-Med Youth Action Programme dwar Youth exchange.

244 Ittra minghand id-Direttur tad-Dipartiment tal-Bini u Tiswijja ta' Djar rigward Blokk 5 Qasam tad-Djar San Gorg.

245 Kwotazzjoni minghand Carmelo Gauci Limited ghall Wagner Road Marking machine.

3.2. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **157** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill ghandu jinsisti ma' l-SAS Raddison Bay Point biex jipprovdu cross section tal-bini propost.

3.3. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.5. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **164** il-Kunsill qabel unanimament li ghandha ssir laqgha pubblika ta' konsultazzjoni biex il-Kunsill ikun jista' jisma' l-fehma tar-residenti. Gie deciz li d-data tal-laqgha tigi deciza aktar tard.

3.6. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **169** is-Sindku Joe Zammit informa lil-Kunsilliera li l-Kunsill kien mistieden ghal-programm fuq ir-Radju Nazzjonali nhar il-Hamis 17 ta' Frar 2000 fil-5.30 pm..

3.7. Il-Vici Sindku Carmela Attard u l-Kunsillier Ray Pace qalu li mhux ser ikunu jistghu jattendu minhabba mpenji ta' xoghol. Il-Kunsillier Paul Baldacchino qal li x'aktarx li jattendi u li kien ser jiltaqa' mas-Sindku biex imorru flimkien.

3.8. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **175** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-MSD ghandhom jibghatu l-kont lill-Ministeru ta' l-Ambjent ghal-attenzjoni tas-sur Michael Aquilina kif ukoll li d-Dipartiment ta' l-Artijiet minhabba l-fatt li x-xoghol tal-Gnien kien sar mil-Ministeru ghall-Ambjent fuq art li hija tad-Dipartiment ta' l-Artijiet.

3.9. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **184** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li s-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo jigi nfurmat li Pembroke ma jikkwalifikax bhala zona ndustrijali kif ukoll li sa'llum il-Kunsill la ghandu u l-anqas hemm il-hsieb li johrog xi Bye Law rigward l-uzu ta' l-iskips.

3.12. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ssekonda.

3.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **186** is-Segretarju Ezekuttiv ta' rendikont ta' x'tinvolvi l-attivita' tat-Tour ta' malta. Il-kelliem qal li kienet saret laqgha mar-raprezentanti tat-tour flimkien mal-Kunsillier Pierre Cordina fejn l-organizzaturi nfurmaw lill-Kunsill bid-dettalji ta' l-attivita' jigifieri li Tour ta' Malta ser tghaddi minn Pembroke nhar il-Hamis 6 t'April 2000 f'xi 16.30 pm. Il-

kelliem qal li l-organizzaturi xtaqu li titranga s-Sleeping Policeman li hemm quddiem St Chaterine School minhabba li hija perikoluza, li juzaw l-ufficcju tal-Kunsill ghal waqt it-tellieqa, li jinghataw permess li jaghmlu l-palk tal-prezentazzjoni hdejn l-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill, li jisselfu l-banner u l-bandiera tal-Kunsill biex tintuza waqt it-tour biex tinghata publicita, sponsor ta' Lm 75.00 biex ikopru l-ispejjez tac-cerimonja tal-prezentazzjoni li jinkludu zewg bukketti fjuri, zewgt ifliexken xampanja, zewg flokkijiet u sitt midalji. Il-kelliem qal li l-organizzaturi weghdu li jaghtu prominenza l-ghajnuna li tkun qed tigi offruta mill-Kunsill kemm waqt Press Conference li ser issir kif ukoll fil-ktejjeb li jigi mqassam fl-Edizzjoni li jmiss. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fin-nuqqas tal-Kunsillier Pierre Cordina li huwa l-persuna nkarigata mil-isports xtaq jinforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Cordina kien favur din l-ativita'.

3.15. Wara diskussjoni qasira s-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jaghti sponsor ta' Lm 50.00 ghal din l-attivita' li ser issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Pembroke.

3.16. Il-Vici Sindku Carmela Atard ssekondat.

3.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.18. Il-Kunsilliera Paul Baldacchino u Ray Pace qalu li kienu qed jivvutaw favur fid-dawl li dawn l-ispejjez ser jinhargu mil-Budget tas-sena li gejja.

3.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **188** il-Kunsillier Paul Baldacchino qal li m'hemmx post fejn jistghu jiccaqilqu l-iskips tas-separazzjoni li hemm quddiem l-Iskola Fondazzjoni San Mikiel. Il-kelliem ppropona li jekk dawn jiccaqilqu biex jersqu lejn il-kamra, ghandu jithalla passagg adekwat bejn il-kamra li tintuza mill-kenniesa u l-iskola, kif ukoll li dawn m'ghandhomx isiru la fuq art ta' terzi persuni u l-anqas vicin il-kantuniera. Il-kelliem ppropona wkoll li jekk ser jiccaqilqu l-ispejjez ghandhom jigu mhallsa mil-Iskola Fondazzjoni San Mikiel minhabba l-fatt li dawn saru bil-permessi kemm ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kif ukol bill-permess tad-Dipartiment ta' l-Artijiet qabel beda xi xoghol mil-istess Skola.

3.20. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **191** il-Kunsillier Ray Pace qal li l-Kunsill ghandu jibqa' jsostni l-punt li ma jaqbilx mat-tezi tad-Dipartiment tal-Bini u Tiswijja tal-Propjeta' fir-rigward ta' kif qed jigi propost il-Bini ta' Sit D.

3.23. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-oggezzjon tal-Kunsill kienet intbaghatet lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

3.24. Is-Sindku Joe Zammit fis-7.00 pm talab li tigi sospiza l-laqgha biex il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' mar-residenti ta' Blokk 5 Qasam tad-Djar San Gorg rigward il-protest legali li ghamlu fil-Qorti.

3.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.26. Il-Laqgha giet sospiza fis-7.00 pm.

3.27. Ghal laqgha kienu prezenti r-residenti ta' House 1, 2, 3, 4 6, 7 u 9. Waqt il-laqgha s-Sindku Joe Zammit spjega li l-Kunsill m'ghandu l-ebda Awtorita' fuq il-kaz ghajr li jinforma lir-residenti b'dak kollu li jkun ghaddej. Il-kelliem informa lir-residenti li ma jarax kif hargu citazzjoni kontra l-Kunsill u dan minhabba l-fatt

li l-Kunsill dejjem kien u ghadu lest li jghin lir-residenti stess. Is-Sindku qassam kopja ta' l-ahhar korrispondenza riferenza 244/2000 li rcieva l-Kunsill minghand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswijja tal-Propjeta.

3.28. Ir-residenti prezenti infurmaw lill-Kunisll li l-Perit Alex Cutajar ma kienx zar il-propjeta' taghhom biex jispezzjona l-hsara li kienet saret kif ukoll infurmaw lill-Kunsill li huma ma kienux lesti li jiccaqilqu mill-postijiet taghhom sakemm il-Gvern ma jwedghhomx post alternattiv ekwivalenti ghal dak li diga ghandhom.

3.29. Il-Laqgha ntemmet fit-8.00 pm. u wara tkompliet il-laqgha tal-Kunsill.

3.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **221** il-Kunsillier Paul Baldachino ppropona li l-Kunsill jitlob il-permess tal-Bord li jikkontrolla t-Traffiku biex tinzebghah SLOW fi Triq Mons Mifsud Tommasi fid-direzzjoni lejn Triq Patri A Tonna Barthet minhabba l-fatt li ma jahsibx li hemm il-htiega li ssir Road Hump.

3.31. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **222** il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-Kumitat Kongunt ghat-Thaddim tal-Gwardjani Lokali biex il-Kunsill Lokali Pembroke jinghata koppja ufficcjali ta' kif inhargu s-sejhiet ghal-offerti kemm ghal-Gwardjani Lokali kif ukoll ghal-Ufficcjal Awtorizzat inkluz kopja ta' kull fejn hemm immarkat fuq it-tenders li ntefghu.

3.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **245** il-Kunsill qabel unanimament li f'laqgha li jmiss tkun item fuq l-agenda biex tigi diskussa l-possibilita' li jinxtara makkinarju biex isiru l-marki tat-traffiku ma' l-art.

## 4. Diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarji ghas-Sena 2000/2001.

4.1. Is-Sindku Joe Zammit prezenta draft ta' kif kien qed jirrakkomanda li jigu mqassam l-fondi ghas-sena finanzjarja April 2000 – Marzu 2001.

4.2. Is-Sindku Joe Zammit staqsa jekk kienx hemm xi emendi ghal-proposti li kienu nghataw fl-ahhar laqgha tal-Kunsill. **(Ara Appendici H Minuti rif. 01/K3/2000)**

4.3. Wara diskussjoni qasira u wara li saru xi emendi s-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzoni tad-Draft Budget ghas-sena finanzjarja l-1 t'April 2000 sal-31 ta' marzu 2001. **( Ara Appendici A, B u C )**

4.4. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

4.5. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.6. Is-Sindku Joe Zammit ressaq ukoll Draft Business Plan ghas-snin 2001 – 2003.

4.7. Il-Kunsillier Ray Pace rrakkomanda li jsiru xi emendi ghat item 6.3 tal-Business Plan .

4.8. Il-Kunsillier Paul Baldacchino rrakkomanda li fil-Business Plan jizdied vot biex ikun jista' jsir il-foot path mil-Qasam tad-Djar San Gorg ghal-Triq il-Mediterran wara l-Palm, Triq Gabrielle Henin ghal-Qasam tad-Djar San Patrizju kif kien hemm indikat fil-Pjan t'Azzjoni ghall-Pembroke.

4.9. Wara diskussjoni qasira s-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tad-Draft Business Plan kif ser jigi emendat.

4.10. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ssekonda.

4.11. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

4.12. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn ir-rapport jigu approvati wara li ssir il-laqgha Pubblika Annwali.

## 5. Programm ta' xoghol Qasam tad-Djar San Patrizju.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill kif ukoll il-Project Manager tal-Kunsill kienu ghamlu spezzjoni fil-Qasam tad-Djar San Patrizju biex jithejja rapport ta' x'hemm bzonn isir biex jigi msebbah l-ambjent residenzjali. Il-Kelliem qal li l-Perit kien infurmah li l-vot ta' Lm 3,500.00 ma kien ser ikun bizzejjed, ghal dan il-ghan il-kelliem irrakkomanda li wara li jigi finalizzat ir-rapport tal-Perit, il-Kunsill ghandu jikkunsidra jekk il-vot ta' Lm 2,500.00 li hemm allokat ghal-bini tal-gnien jintefaqx fuq il-gnien jew fuq l-embelishment ta' l-area.

5.2. Gie deciz unanimament li decizjoni titiehed wara li jkun wasal ir-rapport tal-Perit.

## 6. Programm ta' xoghol tal-Handyman ghas-Sena 2000/2001.

6.1. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsill jekk hemmx lok li jsiru emendi ghall-programm ta' xoghol tal-Handyman.

6.2. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ppropona l-approvazzjoni tal-programm ta' xoghol ghall-handyman ghas-sena 2000/2001 wara li ressaq xi emendi zghar ghal dan il-programm qal li dan il-programm jista' jigi emendat minn zmien ghall-zmien filwaqt li dan il-programm ghandu jinzamm biss bhala gwida. **( Ara appendici D )**

6.3. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

6.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.5. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-handyman offra li ghandu xi granet zejda li jista' jahdimhom biex jekk hemm xi xoghol li jista' jsir u li mhux imnizzel fil-programm ta' xoghol bhalissa jkun jista' jsir.

6.6. Gie deciz unanimament li jekk hemm xi xoghol zejjed ikun jista' jsir fil-granet li gejjin.

## 7. Approvazzjoni tal-Kontijiet.

7.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni ta' skeda ta' pagamenti. **( Ara Appendici E )**

7.2. Il-Vici Sindku Carmela Attard ssekondat.

7.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Materji Ohra.

8.1. Is-Sindku Joe Zammit ta' rendikont tal-laqgha li sret ma' l-Avukat Dr. Zammit Maempel rigward il-kaz ta' Blokk 5 Qasam tad-Djar San Gorg kif ukoll dwar il-libell li sar kontra s-sur Mark Causon u l-Editur ta' The Malta Independent Daily. Il-kelliem qal li rigward il-kaz ta' Blokk 5 l-Avukat kien tal-parir li ma ssirx twegiba fil-Qorti minhabba l-fatt li l-Kunsill ma kellux x'jaqsam ghajr li tintbaghat ittra lir-residenti kif fil-fatt sar. Fir-rigward tal-libell il-kelliem qal li l-Avukat informa lill-Kunsill li sal-lum l-ittra li kellha tigi ppublikata bhala skuza ghada ma gietx ippublikata.

8.2. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsillier Ray Pace li wara telefonata li kellu mal-Maggur Ripard tal-Bord li jikkontrolla t-Traffiku dan infurmah li l-ligi tghid li ma jistax isir ipparkjar sa' 5 metri minn kull kantuniera. Il-kelliem qal li jekk jinzebghu l-marki din tkun ta' ghajnuna biex ma jsirux kontravenzjoniijiet ghalkemm m'hiex obligatorja.

8.3. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Project manager kien kwazi lesta x-xoghol konness ma' l-applikazzjoni biex jintalab permess lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward il-passagg ta' bejn Triq Alamein u Giorgio Mitrovich. Il-kelliem qal ukoll li l-Perit kien irrakkomanda li ssir applikazzjoni bhala GDO u mhux Outline Application minhabba l-fatt li tiswa anqas flus u fi zmien 4 gimghat ikun hareg il-permess. Dan minbgarra l-fatt li jekk issir Outline Application jekk johrog il-permess ikollha ssir applikazzjoni ohra bhala full development li jista' jaghti l-kaz li ddum snin biex jinhareg il-peremess kif fil-fatt gara fuq il-progetti kollha tal-Kunsill.

8.4. Fid-dawl ta' l-Estimi finanzjarji ghas-sena 2000/2001 is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-vot ta' Lm 30,000.00 ghar-road resurfacing ghanda tinghata prijorita' lit-toroq li gejjin jigifeiri Triq Giorgio Mitrovich (parti), Triq Mons. Mifsud Tommasi (parti), Triq Patri Indri Vella (parti sa ma kantuniera ma' Triq Malfeggiani) u Triq l-Isqof Angelo Portelli. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu joqghod fuq il-parir tal-Project Manager sa fejn ghandu jieqaf it-tarmac jekk il-fondi ma jippermettux kif ukoll ta' liema huma dawk it-toroq li ghandhom isiru l-ewwel , dejjem skond il-prijorita'.

8.5. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ssekonda.

8.6. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.7. Il-Kunsillier Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill jitlob il-permess tal-Bord li jikkontrolla t-Traffiku biex issir Road Hump fi Triq Giorgio Mitrovich kantuniera qabel ic-Centru Pastorali kif taqbez Triq Ferdinand Gregh.

8.8. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

8.9. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.10. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet ser tinkiteb l-ahhar ittra bhala reminder lill-Ministru Tat-Trasport u Kommunikazzjoni rigward ir-rikostruzzjoni ta' Triq Misrah il-Fortizza f'liema ittra l-Ministru ser jigi nfurmat li jekk sal-laqgha li jmiss mhux ser jinbeda x-xoghol imwieghed, il-Kunsill ser jaghmel Press Conference on site.

8.11. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-laqgha li l-Kunsill kellu ma' l-Onorevoli Jesmond Mugliette fl-20 t'April 1999 fejn qal l wara diversi ittri, sal-

lum l-Onorevoli Mugliette ghadu ma laqax it-talba tal-Kunsill biex issir laqgha ghal dawk l-ghaqdiet sportivi li ser jibbenefikaw minn ghoti t'artijiet fil-lokal. Il-kelliem ghamel riferenza ghal dak li gie rrapurtat fil-media fejn qal li l-Onorevoli Mugliette qal li diversi ghaqdiet ser jinghataw titlu fil-lokal. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet ser tintbaghat ittra lill-onorevoli Mugliete fejn dan jigi nfurmat li jekk sal-laqgha li jmiss il-Kunsll jibqa' minghajr twegiba l-Kunsill ser johrog stqarrija fuq il-mezzi tax-xandir biex jiddeplora dan l-agir.

8.12. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-laqgha annwali pubblika ssir nhar l-Erbgha l-1 ta' Marzu fis-6.00 pm u fit-8 ta' Marzu fis-6.00 pm ssir laqgha pubblika ta' konsultazzjoni dwar il-Golf Course, Jum Pembroke, Monti fil-lokal u Bus Terminus. Fir-rigward tal-laqgha pubblika dwar il-Gwardjani Lokali il-kelliem ppropona li din issir aktar tard jew titqajjem waqt il-laqgha pubblika li ser issir fl-1 ta' Marzu.

8.13. Il-Vici Sindku Carmela Attard ssekondat.

8.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.15. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' xogholijiet li hemm il-hsieb li jinghaddu lill-kuntrattur J & K Construction bhala work plan ghax-xahar ta' Marzu 2000. **(Ara appendici F)**

8.16. Il-Laqgha intemmet fl-10.30 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 23 ta' Frar 2000 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |